1 ta' Ottubru, 1948.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Avv. Dr. Giuseppe Pace et. *versus* Avv. Dr. Giuseppe Vella ne. et.

**Tassazzjoni — Talba għal-Likwidazzjoni u Ħlas ta' Serviġi.**

*Huwa paċifikament ammess mill-Qrati Tagħna li t-tassazzjoni tal-kawża għandha tiġi regolata mit-talba kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni; però mhux fis-sens limitat tas-sempliċi inkartament, iżda*

*tis-sens ta' l-oġġett tagħha. U f'dan is-sens il-kumpless ta' dak li huwa in disputa, jista' jiġi raġjonevolment indott jew determinat minn dak li jkun irriżulta waqt id-dibattitu u t-trattazzjoni tal-kawża, imma mhux minn dak li lilha jkun irid jiġi attribwit, indipendentement mill-fatt jekk it-talba li tiġi proposta tkun akkolta jew tiġi miċħuda.*

*F'kawża għall-ħlas ta' serviġi, fejn it-talba hija għall-likwidazzjoni u ħlas tas-serviġi, it-talba għall-likwidazzjoni tas-serviġi hija neċessarjament preordinata għall-ħlas tagħhom, u ma tħassarx l-oġġett prinċipali tad-domanda, li huwa dak tal-ħlas tas-serviġi.*

*Dak il-pagament huwa l-oġġett prinċipali tal-kawża, u l-likwidazzjoni hija dikjarazzjoni neċessarja sabiex l-attur jirnexxi fid-domanda għall-kundanna għall-ħlas. U meta ż-żewġ talbiet isiru simultaneament fl-istess ċitazzjoni, huwa ġust, loġiku u skond il-liġi, li t-talba għall-pagament tiġi ntaxxata "ad valorem" u dik għall-likwidazzjoni bħala sempliċi dikjarazzjoni.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi talbu li, wara li tiġi premessa kull dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment li jkun hemm bżonn, billi mill-konvenut Reġistratur, fil-kawża numru 266/1947 fl-ismijiet "Giuseppe Calleja vs. Rosario Calleja", deċiża minn dina l-Qorti fid-29 ta' April 1948, u li tagħha hemm anness maċ-ċitazzjoni estratt (dok. A), ġie ntaxxat bħala dritt tar-reġistru £2. 3. 0, u bħala onorarju ta' l-avukat difensur £3, u terz ta' l-istess onorarju ġie għalhekk taxxat lill-prokuratur legali (dok. B), billi huma kie- rispettivament l-avukat difensur u l-prokuratur legali ta' Rosario Calleja fl-imsemmija kawża; u billi t-tassazzjoni fuq likata hija nġusta u insuffiċjenti, għax mhix bażata fuq il- r involut f'dik il-kawża, ammontanti għal £520 skond ma jirriżulta mill-estratti annessi maċ-ċitazzjoni mill-kawża fuq imsemmija (dok. C u D), l-imsemmija tassazzjoni tiġi dikjarata żbaljata u tiġi minn dina l-Qorti ordnata l-korrezzjoni u l-modifikazzjoni tagħha skond il-kriterju fuq indikat, jew skond kull kriterju ieħor li l-istess Qorti jidhrilha aktar adatt għall-każ. Bl-ispejjeż tal-ġudizzju;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Mill-attijiet tal-kawża ċitazzjoni Prim'Awla Ċivili numru 266/1947, fl-ismijiet "Giuseppe Calleja vs. Rosario Calle-

ja'', deċiża minn dina l-Qorti fid-29 ta' April 1948, jirriżulta li l-konvenut Giuseppe Calleja, attur f'dik il-kawża, ippretenda kumpens għal serviġi u spejjeż minn għand Rosario Calleja, u talab, wara l-likwidazzjoni tagħhom mill-Qorti, il-kundanna ta' l-istess konvenut f'dik il-kawża għas-somma li kellha tiġi likwidata;

Illi għalkemm fl-att taċ-ċitazzjoni s-somma mitluba kienet indeterminata, u infatti, kif intqal fuq, intalbet il-likwidazzjoni tagħha, eppure Giuseppe Calleja fid-Dok. "A" fol. 31 tal-proċess fuq imsemmi, wera li qiegħed jippretendi l-partiti f'dak id-dokument indikati u ammontanti komplessivament għal £520, u kkorrobora dina l-pretensjoni tiegħu fix-xhieda li ta u li tinsab fost il-karti tal-kawża li diġà ssemmiet. Mhux kontestat, anzi pruvat, li dina l-kawża kellha eżitu sfavorevoli għal Giuseppe Calleja, kif jidher mis-sentenza ta' dina l-Qorti tad-29 ta' April 1948;

Illi l-kontestazzjoni odjerna tirrigwarda t-tassazzjoni ta' dina l-kawża; l-għaliex mentri l-konvenut Dr. Vella nomine ħareġ taxxa tal-kawża bażata fuq sempliċi dikjarazzjoni ta' artikolu, l-atturi jippretendu li huwa kellu jintaxxaha "ad valorem";

Illi jingħad qabel xejn li l-partijiet jaqblu li l-kopja tattaxxa in kwistjoni, markata dok. "B" u li tinsab fil-fol. 5 tal-proċess, hija kopja u tikkorrispondi għall-oriġinali dokument li kien inissu ġie preżentat;

Illi jingħad ukoll li l-atturi qegħdin jattakkaw l-istess taxxa "in toto", bħalu li hija żbaljata, u talbu li tiġi ordnata l-korrezzjoni u l-modifikazzjoni tagħha in bażi tal-kriterju ta' l-"ad valorem", jew skond kriterju ieħor li dina l-Qorti jkun jidhrilha adatt għall-każ; imma ma hemmx bżonn jingħad, l-għaliex jidher ċar mid-diċitura u l-interess primarju u konsegwenzjali ta' l-atturi, illi l-partiti attakkati huma l-ewwel tnejn ta' l-istess taxxa, u ċjoè dwar il-likwidazzjoni tal-kumpens u dwar il-kundanna għall-ħlas;

Tikkunsidra;

Illi huwa paċifikament ammess mill-Qrati Tagħna li t-tassazzjoni tal-kawżi għandha tiġi regolata mit-talba kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni, mhux fis-sens limitat għas-sempliċi nkartament, iżda fis-sens ta' l-oġġett tagħha; u f'dana s-sens

il-kumpless ta' dak li huwa in kontestazzjoni, jew dak li huwa in disputa ("quod disputatum est"), jista' jiġi raġjonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirriżulta waqt id-dibattitu u trattazzjoni ta' l-istess kawża, imma mhux minn dak li lilha jkun irid jiġi attribwit, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jiġu proposti jkunux akkolti jew miċħuda (ara Appell "Dr. Souchet vs. Registratore Giovanni Xuereb", Vol. XII, pag. 41, tas-16 ta' Novembru 1888; Prim'Awla Ċivili 30 ta' Ġunju 1896, "Dr. Messina vs. Carmelo Borg et altri", Vol. XV, paġ. 547; Prim'Awla Ċivili 8 ta' Lulju 1903, "Raffaele Debono vs. Muscat ne.", Vol. XVIII-II-345; u oħrajn);

Tikkunsidra;

Illi wara li għidna dana, jingħad li l-oġġett tat-talba in kwistjoni kien li l-attur f'dik il-kawża jottjeni l-pagament tasservigi u spejjeż li huwa kien jippretendi li għamel favur il-konvenut f'dik l-istess kawża. Huwa minnu li l-attur ta' allura talab il-likwidazzjoni tagħhom, il-għaliex mingħajr dik il-likwidazzjoni t-talba tal-pagament kienet tkun inoperuża u ineffikaċi; imma dika l-istess talba tal-likwidazzjoni, bħala preordinata, ma tħassarx li l-oġġett prinċipali tad-domanda kien il-pagament. Ma hemmx bżonn jingħad li l-pagament, kif jirriżulta mill-kumpless tal-provi dokumentarji u testimonjali determinat, kien jimplika passaġġ ta' flus u ta' proprjetà minn banda għall-oħra, u bħala tali kien l-oġġett prinċipali tal-kawża; u l-likwidazzjoni kienet id-dikjarazzjoni neċessarja sabiex l-attur ta' allura jirnexxi fid-domanda tal-kundanna. Dan tant huwa minnu illi, kieku l-attur flok talab il-kundanna talab biss il-likwidazzjoni fuqha debitament ottenuta, huwa ma kienx ikun jista', bla kawża ġdida, jitlob il-kundanna għall-pagament, ċjoè għall-passaġġ ta' flus minn għand l-allura konvenut għal għandu;

Illi skond it-tariffa "A" numru 9 u tat-tariffa "G" numru 23a., para. 1, id-dikjarazzjonijiet neċessarji f'sentenza għandhom jiġu rispettivament taxxati minn 7s. 6d. sa £1. 10. 0 u minn 10s. sa £3, mentri skond it-tariffa "A" numru 7 (a), "G" numru 16, għal kull sentenza definitiva hemm il-varjazzjoni rispettivament indikati f'dawk l-istess taxxi;

Illi fil-ħsieb ta' din il-Qorti, fi-każ in eżami, fejn il-likwidazzjoni u l-kundanna ġew mitluba simultaneament, id-do-

manda, jew aħjar id-dikjarazzjoni tal-likwidazzjoni, ġiet taxxata regolarment, u mill-attijiet tal-kawża ma jidherx li fiskala prefissa mill-liġi: in korrelazzjoni għax-xogħol implikat it-tassazzjoni ta' £1 għar-reġistru u £2 għad-difensuri kienet inġusta jew ta' min jiddisturbaha; imma dwar il-kundanna tal-pagament l-istess taxxa mhix korretta, il-għaliex il-kawża dwar dik it-talba kollha tiġi ntaxxata rispettivament skond it-tariffa "A" numru 7 (a) u "G" numru 16, u ċjoè "ad valorem", u mhux bħala sempliċi artikolu. M'hemmx bżonn jingħad li l-valur kien dak li ġie kwalifikat mill-konvenut f'din il-kawża Giuseppe Calleja fix-xhieda tiegħu, kif ukoll mid-dokumenti minnu preżentati sabiex isostnuh;

Illi huwa minnu li fir-Reġistru jipprevali l-użu li d-dikjarazzjoni tiġi ntaxxata f'każi bħal dawn "ad valorem" u l-pagament bħala artikolu, u f'dan l-aħħar "assessment" ġeneralment jingħata l-minimum, kważi bħala kumpensazzjoni ekwitativa ta' l-ammont li jkun ġie taxxat "ad valorem" għad-dikjarazzjoni; imma fejn iż-żewġ talbiet ikunu simultanei huwa aktar ġust, loġiku u skond il-liġi, li t-talba għall-pagament tkun intaxxata "ad valorem", bħala li hija l-oġġett prinċipali u l-fini ultimu tal-kawża, tant prattikament kemm legalment, mentri għandha l-likwidazzjoni tiġi taxxata bħala sempliċi dikjarazzjoni, salv dak li hemm imniżżel fit-tariffa "G" numru 23 (a), it-tieni paragrafu, meta jkun il-każ;

Illi dwar il-partiti l-oħra ma jidher li hemm xi tgħid xejn, il-għaliex l-istess ġew taxxati kif trid il-liġi;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talba attriċi fis-sens li tiddikjara li l-partita tal-ħlas fit-taxxa msemmija hija nkorretta, u l-istess għandha tiġi korretta skond it-tariffi "A" numru 7a, u "G" numru 16, in relazzjoni għas-somma ta' £520 kif pretiża mill-konvenut Calleja, li fil-kawża in kwistjoni kien attur. L-ispejjeż jitħallsu kollha minn Dr. Vella nomine, barra minn dawk tal-konvenut Calleja li għandu jħallas l-ispejjeż tiegħu.

---